MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 1646/2005

**Consolidated Biscuit Company Limited**
**vs**
**Gesmond sive Jesmond Sant u martu Rita Sant**

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta’ elf seba u erbghin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm1047.83) prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenuti b’l-ispejjez u b’l-imghaxx legali.

Ra r-risposta tal-konvenuta Rita Sant li permezz taghha qalet li hija qatt ma trattat mas-socjeta attrici stante li n-negozju kien qed jigi gestit esklussivament minn zewgha l-konvenut Jesmond Sant.

Ra r-risposta tal-konvenut Jesmond Sant li permezz taghha qal li l-konvenuti ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti u li pero kwalunkwe ammont talvolta dovut huwa dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti u minghajr pregudizzju ghal dan li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra d-dokumenti esebieti.

Sema x-xhieda ta' Silvio Desira u Jesmond Sant.

Ikkunsidra.

Jirrizulta li s-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat il-merkanzija li taghha qed tintalab il-hlas u mid-dokumenti esebieti jirrizulta li l-ammont mitlub huwa l-prezz ta' dik il-merkanzija.

Fir-realta dan l-ammont ta' elf seba u erbghin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm1047.83) ma giex ikkontestat fix-xhieda mghotija mill-konvenut. Jirrizulta wkoll li l-merkanzija nbieghet lill-konvenuti waqt iz-zwieg taghhom u meta n-negozju kien jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom u li ghada veljanti sal-lum.

Konsegwentement jirrizulta pruvat li l-ammont pretiz huwa dovut u huwa dovut miz-zewg konvenuti flimkien.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf seba u erbghin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm1047.83) b'l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------